



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2014/2017(INI)

3.3.2014

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar id-69 sessjoni tal-Assemblea
Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti
(2014/2017(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Kriton Arsenis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Aġenda ta' żvilupp wara l-2015

1. Jirrikonoxxi li sar progress sinifikanti u sostanzjali fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) – inkluż it-tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' persuni mingħajr aċċess sostenibbli għal sorsi mtejba ta' ilma tax-xorb, it-tnaqqis sinifikanti tal-perċentwali ta' persuni li jgħixu fil-bassifondi urbani, il-ksib ta' riżultati sinifikanti fil-ġlieda kontra l-malarja u t-tuberkulożi u titjib viżibbli fl-oqsma kollha tas-saħħa kif ukoll fl-aċċess għall-edukazzjoni primarja; madankollu jiddeplora l-fatt li ħafna mill-pajjiżi Afrikani għadhom lura biex jilħqu l-MDGs;
2. Jenfasizza l-fatt li l-isforzi globali fil-kisba tal-MDGs, għandhom jissaħħu matul il-bqija taż-żmien qabel l-iskadenza tal-2015 u għandhom ikunu ffukati fuq oqsma fejn il-proċess jinsab l-aktar lura;
3. Jisħaq li l-enfasi speċjali teħtieġ li tkun indirizzata lejn il-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-inqas żviluppati u tal-pajjiżi li ħarġu jew qegħdin f'kunflitt, billi n-nuqqas ta' paċi u sigurtà jibqa' wieħed mill-ostakli ewlenin għal żvilupp sostenibbli, u biljun u nofs persuna jgħixu f'dawn il-pajjiżi vulnerabbli li lanqas laħqu MDG wieħed;
4. Jimpenja ruħu sabiex il-proċess biex jinkisbu l-għanijiet wara l-2015 ikun inklużiv kemm jista' jkun, sabiex jiżgura s-sjieda ta' dawn l-għanijiet mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali toħloq kuntest favorevoli u parteċipattiv li fih, il-parlamenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali jkunu jistgħu jassumu r-rwoli tagħhom tat-tfassil ta' politika, ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni;
5. Jiżgura li l-qerda tal-faqar tibqa' prijorità fil-qafas ġdid integrat u uniku, flimkien mal-ġlieda kontra l-inugwaljanza u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli; jiżgura li, fid-definizzjoni ta' faqar, jitqiesu indikaturi ta' żvilupp uman minbarra d-dħul, billi l-faqar jinvolti ħafna forom ta' privazzjoni f'ħajjet in-nies, li jkopru ambiti bħall-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, l-enerġija, ix-xogħol, l-ikel u l-abitazzjoni; jirrimarka li hija meħtieġa taħlita adatta ta' indikaturi ċari kwantitattivi u kwalitattivi sabiex jiġu ssorveljati s-sostenibbiltà u l-inklużjoni tal-proċess ta' żvilupp;
6. Isegwi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u jiżgura li d-drittijiet tal-bniedem fl-universalità tagħhom se jkunu fil-qalba tal-qafas wara l-2015;
7. Jisħaq li l-ikel mhuwiex sempliċement komodità u li l-aċċess għall-ikel huwa dritt universali tal-bniedem, u jenfasizza r-responsabbiltà tal-AĠNU li tikkontribwixxi għas-sigurtà globali tal-ikel billi tippermetti u tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex iżidu u jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom stess, b'enfasi fuq agrikoltura organika, ambjentalment sostenibbli u fuq skala żgħira kif ukoll enfasi fuq użu ħieles ta' varjetajiet ta' żrieragħ lokali, sabiex dawn il-pajjiżi jkollhom aktar sigurtà tal-ikel u jlaħħqu mad-domanda fis-swieq lokali tagħhom; jitlob, f'dan ir-rigward, għal aktar sforzi fil-ġlieda

kontra prattiki ta' ħtif tal-art minn korporazzjonijiet internazzjonali u jiżgura r-rispett tad-dritt għall-art tal-popolazzjonijiet lokali u tal-popli indiġeni;

8. Jitlob għal ippjanar tal-art aktar strett li, minbarra li jtejjeb l-aċċess għall-ikel u s-swieq, speċjalment għall-komunitajiet tal-foresta, iżomm jew iżid il-proporzjon ta' art koperta b'foresta u jħares iż-żoni mingħajr toroq, ikun f'konformità sħiħa mal-konvenzjonijiet tan-NU bħall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), speċjalment il-programm REDD+, u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD), b'enfasi fuq il-miri ta' Aichi;
9. Jenfasizza li l-koerenza politika għall-iżvilupp hija prinċipju essenzjali li għandu jiġi segwit fil-qafas wara l-2015, b'attenzjoni partikolari għall-kunflitti possibbli bejn l-iżvilupp ta' politiki minn naħa, u l-agrikoltura, il-politiki tas-sajd u tal-enerġija u l-ftehimiet internazzjonali kummerċjali u ta' investiment min-naħa l-oħra, waqt li titqiegħed enfasi partikolari fuq il-klawżola għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat li thedded li tibblokka lill-pajjiżi f'oqfsa regolatorji inferjuri;
10. Jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lit-tfajliet u n-nisa bħala għan indipendenti; jiżgura li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija integrata fl-għanijiet kollha futuri ta' żvilupp, u jiżgura attenzjoni speċifika għas-settur u għbir tad-data mhux ikklassifikata skont is-sess;
11. Jitlob lill-membri tal-AĠNU biex lit-trasparenza sħiħa tar-rapportar korporattiv u lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, ir-rifuġji fiskali, il-flussi finanzjarji illeċiti u l-istrutturi fiskali ta' ħsara jagħmluhom prijorità dominanti fl-aġenda tal-istituzzjonijiet internazzjonali finanzjarji u ta' żvilupp;
12. Jenfasizza li l-kisbiet mill-iżvilupp mhux se jkunu sostenibbli mingħajr governanza tajba, istituzzjonijiet responsabbli u demokratiċi u l-istat tad-dritt; jiżgura, għalhekk, li jkun rifless impenn ċar għall-governanza demokratika fil-qafas il-ġdid;

Finanzjament għall-iżvilupp

13. Jiżgura li għanijiet ambizzjużi ġodda jkunu appoġġjati wkoll minn finanzjament ta' żvilupp ambizzjuż u innovattiv; jenfasizza li l-finanzjament relatat mat-tibdil fil-klima u mal-aċċess għal enerġija sostenibbli m'għandux isir b'detriment għall-impenn ta' 0,7 % tal-ING f'għajjnuna uffċjali għall-iżvilupp (ODA), inkluż bejn 0,15 % sa 0,20 % għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, iżda għandu jkun addizzjonali għalih; jimpenja ruħu għall-effiċjenza fl-għajnuniet u koordinazzjoni aħjar tad-donaturi; jieħu rwol ewlieni biex jiżgura li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi, pereżempju permezz tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, għall-kisba tal-għanijiet globali ġodda;

Sostenibbiltà ambjentali

14. Jirrimarka li l-isfidi globali jibqgħu u huma mistennija li jiżdiedu, u li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jheddu li jreġġgħu lura l-progress li sar fil-kisba tal-MDGs; jirrimarka wkoll li teħtieġ li tiġi indirizzata attenzjoni partikolari fil-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima u fit-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri u r-reżiljenza, b'enfasi tingħata fuq il-persuni l-aktar foqra u marġinalizzati fl-aġenda wara l-2015; jenfasizza li l-

investiment fil-miżuri tat-tnaqqis tar-riskju ta' dżastru qabel iseħħu d-dżastru huwa ferm aktar kost-effikaċi mill-finanzjament tar-rispons għad-dżastru;

15. Jaqbel, qabel is-sessjoni tal-AĠNU, fuq mira ta' tnaqqis ta' 50 % għall-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fl-UE sal-2030, li hija konsistenti bis-siġħ mal-għan li t-tiġin globali jiġi limitat għal 2°C u mal-mira tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'9,5 % sal-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, b'hekk tippermetti lill-UE biex tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-livell internazzjonali; jieħu l-opportunità pprovduta mis-sessjoni tal-AĠNU biex jistieden sorsijiet oħra importanti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra biex inaqqsu drastikament l-emissjonijiet tagħhom u jistieden lill-pajjiżi kollha jgħinu fit-tnaqqis ta' emissjonijiet globali, jirrispettaw l-għan ta' 2°C kif ukoll id-drittijiet u l-ħtiġijiet umanitarji u ta' żvilupp;
16. Ifakkar fl-impenn li sar mill-pajjiżi żviluppanti fil-COP16 f'Cancún (2010) biex jipprovdu USD 100 biljun f'finanzjament annwali "għdid u addizzjonali" sal-2020, sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jirrimarka li dan il-finanzjament għandu jiżgura allokkazzjoni bbilanċjata bejn l-adattament u l-mitigazzjoni;
17. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-effetti potenzjalment negattivi ta' produzzjoni ta' bijofjuwil fuq is-sigurtà tal-ikel u fuq id-drittijiet tal-art tal-popolazzjonijiet lokali u ta' popli indiġeni; juri impenn qawwi tal-UE għall-ħarsien minn dawn l-effetti u juża biss strumenti effikaċi u soċjalment responsabbli sabiex jintlaħaq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

Paċi u sigurtà

18. Jaħdem biex ikun hemm waqfien mill-ġlied u għat-twaqqif tat-tixrid tad-demmi fis-Sirja; jipprova jikseb ir-rispett għall-prinċipji umanitarji; jagħmel kull sforz biex jikseb aċċess għall-popolazzjoni milquta fis-Sirja li, skont l-estimi, li fl-2014 tammonta għal kważi 75 % tat-22 miljun persuna tal-pajjiż; jiżgura li t-tneħħija, it-trasferiment u l-qerda ta' armi kimiċi li nstabu fis-Sirja jsiru b'mod trasparenti għall-aħħar li jirrispetta r-regolamenti ambjentali fis-seħħ, kif ukoll li l-operazzjoni ma twassal għar-rilaxx ta' ebda effluwenti, kimiċi jew prodotti sekondarji fl-arja jew fil-baħar;
19. Jikkundanna l-attakki fuq il-ħaddiema li jipprovdu għajnuna u fuq il-proprjetà, l-interferenza f'attivitajiet ta' assistenza u s-sakkeġġi fuq skala kbira ta' provvisti li seħħew fis-Sudan t'Isfel u li jfixklu ferm l-isforzi biex jintlaħqu l-popolazzjonijiet ċivili fil-bżonn;
20. Jikkundanna l-perikli li jħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema umanitarji fir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem li qed iseħħ f'dan il-pajjiż;

L-UE fin-NU

21. Ikompli l-kooperazzjoni siewja fl-appoġġ tal-multilateraliżmu u l-governanza globali u jenfasizza l-importanza tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-UNDP li għalqet l-10 anniversarju tagħha fi Frar 2014;
22. Ixerred l-għarfien li l-2015 se tkun is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp li se toħloq impetu mingħajr preċedenti biex jiżdied l-għarfien pubbliku fl-Ewropa dwar l-isfidi globali u l-

importanza tal-għanijiet ġodda ta' żvilupp li jrid intlaħaq ftehim dwarhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	3.3.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 10 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ricardo Cortés Lastra, Véronique De Keyser, Eva Joly, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Michèle Striffler, Ivo Vajgl
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Isabella Lövin, Csaba Óry, Judith Sargentini